



A7-0417/2013

29.11.2013

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (14165/2013 – C7-0415/2013 – 2013/0315(NLE))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Carmen Fraga Estévez

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	7
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP	12
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....	15
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	19

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (14165/2013 – C7-0415/2013 – 2013/0315(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (14165/2013),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja li jipprovdi għalihom il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (14162/2013),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) u l-paragrafu 7, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0415/2013),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kumpens finanzjarju previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar il-Protokoll futur li jstabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kumpens finanzjarju previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk²,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Baġits (A7-0417/2013),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;
 2. Ifakkar fid-dritt li għandu l-Parlament Ewropew li jinżamm infurmat puntwalment u bis-siġġir dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll u r-riżultati tagħha, u għalhekk jinsisti għal darba oħra li r-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew għandu jkollhom l-opportunità li jattendu għal-laqgħat tal-kumitat konġunt li jipprovdi għalih l-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar is-Sajd bħala osservaturi. Barra minn hekk jitlob li l-Parlament jingħata dokumentazzjoni dwar il-linji gwida, l-oġettivi u l-indikaturi li jirrigwardaw il-kapitolu relatat mal-appoġġ għas-settur tas-sajd fil-Marokk, u l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-monitoraġġ xieraq tal-aspetti inklużi fl-Artikolu 6 tal-Protokoll, inkluż ir-rapport finali li l-Marokk għandu

¹ ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 155.

² ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 8.

jressaq dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ settorjali. Itenni wkoll it-talba tiegħu lill-Kummissjoni li tressaq rapport sħiħ dwar ir-riżultati u l-operazzjoni tal-Protokoll attwali lill-Parlament Ewropew, qabel ma tiftaħ negozjati dwar protokoll ġdid.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Renju tal-Marokk.

NOTA SPJEGATTIVA

Wara li f'Diċembru li għadda l-Parlament Ewropew ċaħad li japprova estensjoni ta' sena tal-Protokoll tas-Sajd mal-Marokk, li skada fis-27 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni Ewropea bdiat in-negozjati għall-konklużjoni ta' Protokoll ġdid li qed jiġi ppreżentat għal approvazzjoni. Iż-żewġ partijiet fin-negozjati kienu konxji dwar dak li ġara fil-PE u qablu li t-test il-ġdid kellu jipprova jirrispondi l-kritika u l-linji gwida espressi fir-**rapport** tal-Kumitat għas-Sajd, kif ukoll fir-**riżoluzzjoni** approvata b'mod parallel, li **talbet garanziji li jkun ta' benefiċċju reċiproku u evidenza li se jkun imsejjes fuq is-sostenibilità ekonomika, soċjali u ambjentali**.

Ir-rapport tal-Kumitat għas-Sajd li wassal għall-vot negattiv **ikkritika partikolarment tliet aspetti**: l-aspett **ekonomiku**, fejn spikkaw livelli baxxi ta' relazzjoni kost/benefiċċju minħabba l-użu minimu tal-opportunitajiet tas-sajd; l-aspett **ambjentali** u fil-fehma tar-rapporteur, **impatt dgħajef tal-kontribuzzjoni finanzjarja fis-settur tas-sajd Marokkin**. Ir-rapporteur ibbaża fuq l-**valutazzjoni ex post** mitluba mill-Kummissjoni Ewropea, **li l-metodoloġija tagħha diġà kienet qajmet dubji** fost is-settur tas-sajd, l-Istati Membri konċernati u l-Kummissjoni Ewropea nnifisha. **L-awtoritajiet Marokkini kienu partikolarment kritiċi**, u wiegħbu **bl-argumenti li ġejjin**:

- **ir-rapport ta' valutazzjoni qies biss l-ewwel sentejn u nofs tal-perjodu li fih kien fis-seħħ il-Protokoll**, u għaldaqstant iċ-ċifri dwar l-użu ma jistgħux ikunu validi;

- **il-konklużjonijiet dwar l-istat tar-riżorsi tas-sajd ma kinux eżatti**, għax kienu bbażati biss fuq valutazzjonijiet imwettqa minn COPACE fl-2007 li kienu bbażati fuq **dejta tas-sena 2005**, u għaldaqstant ma jurux l-avvanzi li saru inkwantu tal-irkupru tal-istokkijiet. **Lanqas ma qies ix-xogħol tal-Kumitat Xjentifiku Konġunt UE/Marokk**;

- **l-investimenti fis-settur tas-sajd u fiż-żoni tal-kosta komplew b'ritmu tajjeb**, anke jekk il-Marokk irrikonoxxa li **fl-ewwel sentejn tal-Protokoll**, l-użu tal-fondi Komunitarji ġarrab **dewmien** minħabba li l-ewwel snin huma b'mod ewlieni snin ta' adattament u ta' pjanifikazzjoni għall-**eżiġenzi Komunitarji**, u dawn **ma tantx kienu flessibbli**. Din ir-riġidità, li skont il-Marokk ostakolat il-flussi tal-investment tal-kontribuzzjoni finanzjarja, **ġiet ribattuta konsegwentement** mill-Marokk **permezz ta' rabta tal-matriċi settorjali mal-istrateġija interna bl-isem ta' Halieutis**, u l-proċedimenti tal-Kumitat Konġunt **fi tmiem is-sena 2011 diġà jirriflettu livell ta' impenn ta' 90 % fir-rigward tal-appropriazzjonijiet eżistenti u previżjonijiet ta' ħlas għat-tmiem tas-sena ta' 81 %**, informazzjoni li fir-rapport ta' valutazzjoni ma ngħatatx.

Barra minn hekk, **f'dibattiti preċedenti tqajmu ħafna kwistjonijiet legali rigward is-Sahara tal-Punent**. F'dan ir-rigward ir-rapporteur **ma tistax ma taqbilx mal-pożizzjoni adottata mir-rapporteur tar-rapport ta' qabel, il-Membru Parlamentari Carl Haglund, li ma tidħolx f'din il-kwistjoni, li ma tagħmilx parti mit-termini tal-Protokoll tas-Sajd**, bl-istess mod bħall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jittratta miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni fuq il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd approvat riċentement¹. Tajjeb li jitfakkar, f'kull każ, li l-PE, fuq talba ta'

¹ ĠU L 241, 7.9.2012 p.4

diversi Kumitati, ikkummissjona, f'dawn l-aħħar snin, rapport dwar din il-kwistjoni mingħand is-Servizz Legali, li afferma mill-ġdid il-legalità ta' dawn il-Ftehimiet.

Analiżi tal-proposta l-ġdida

Il-Protokoll il-ġdid ma jipprovdi l-applikazzjoni proviżorja, għaldaqstant l-attività tista' terġa' tibda biss minn meta jkun hemm l-approvazzjoni min-naħa tal-PE u tal-Kunsill. Minħabba li t-termini dettaljati tiegħu jistgħu jiġu kkonsultati fit-test u fit-tabelli annessi korrispondenti għal kull kategorija, ir-rapporteur se tagħmel biss analiżi qasira ta' valutazzjoni. Madankollu, it-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor l-aspetti l-aktar importanti għal kull kategorija ta' sajd.

1.- Opportunitajiet ta' sajd: Il-kategoriji ta' sajd huma l-istess bħal daww tal-Protokoll preċedenti, u minkejja li l-għadd ta' bastimenti naqas minn 137 għal 126, l-opportunitajiet ta' sajd qed jiżdiedu bi 33%, fundamentalment minħabba ż-żieda fil-kategorija tas-sajd pelagiċu industrijali (minn 60.000 għal 80.000 tunnellata). L-akbar tnaqqis jinsab fil-kategoriji 3 (minn 20 għal 10 bastimenti) u 4, l-inqas waħda użata, fejn it-22 bastiment ta' qabel tnaqqsu għal 16. Ir-rapporteur tqis li dawn il-bidliet huma pożittivi, għax huma aktar xierqa għal-livell ta' użu reali.

2.- Miżuri tekniċi: Iż-żoni tas-sajd ġew mibdula biex ikunu aktar adatti għall-ħtiġijiet tal-flotot u jippermettu konformità ma' rekwiżiti imposti mill-Marokk. B'hekk, it-tkabbir taż-żoni għall-kategoriji 1 u 2 jirrifletti t-talba tas-settur li jiġi inkluż il-port ta' Mohamedia, li barra li hu port ta' kenn importanti għandu l-infrastruttura meħtieġa għall-iżbark.

Rigward l-illimitar tal-kapaċità, minkejja li qed jiżdied b'4 l-għadd ta' bastimenti tat-tkarkir pelaġiċi ta' kapaċità kbira awtorizzati, min-naħa l-oħra ġie ffixsat limitu ta' 7.765 TG (li qajjem ħafna diskussjoni min-naħa tal-flotta). **Fil-kategorija 4, il-limitu preċedenti ta' 275 TG kien waħda mir-raġunijiet għalfejn l-użu kien baxx, minħabba li hu diffiċli l-operat lil hinn mill-isobath ta' 200 metru. Issa l-limiti huma adatti għat-tipi ta' bastimenti li jużaw din il-kategorija, u qed issir distinzjoni bejn bastimenti bil-konz u bastimenti tat-tkarkir, li qed jitnaqqsu minn 11 għal 5. Flimkien mat-tnaqqis fl-obbligu ta' iżbark, ir-rapporteur temmen li issa għandhom jiġu riżolti l-parti l-kbira tal-problemi f'din il-kategorija.**

Rigward l-imbark tal-baħħara, l-element ġdid prinċipali hu l-obbligu ta' għażla minn lista magħluqa proposta mill-Marokk (dan il-punt qajjem xi kritika), komposta minn baħħara gradwati tal-iskejjel ta' taħriġ marittimu. B'mod ġenerali l-obbligi ta' imbark żdiedu, l-aktar fil-bastimenti ta' kapaċità kbira tal-kategorija 6, fejn l-għadd ta' baħħara Marokkini rdoppja u minn 8 sa 16.

Kategoriji tas-sajd	COM(2013) 648	Protokoll 2007-2011
----------------------------	----------------------	----------------------------

Kategorija 1. Sajd fuq skala żgħira Tramuntana Pelagiçi. Tartaruni.	Għadd ta' bastimenti awtorizzati: 20 Żbark obligatorju: 30 % tal-qabdiet Imbark ta' baħħara: 3 għal kull bastiment	Għadd ta' bastimenti awtorizzati: 20 Żbark obligatorju: Progressiv . Minn 25% sa 50% fir-raba' u l-aħħar sena. Imbark ta' baħħara: 2 għal kull bastiment
Kategorija 2. Sajd fuq skala żgħira Tramuntana Konz tal-qiegħ	Għadd ta' bastimenti awtorizzati: 35 Żbark volontarju Imbark ta' baħħara: < 100 TG: volontarji ≥100 TG: 1 għal kull bastiment	Għadd ta' bastimenti awtorizzati: 30 Żbark volontarju Imbark ta': Volontarju
Kategorija 3. Sajd fuq skala żgħira Nofsinhar	Għadd ta' bastimenti awtorizzati: 10 Żbark volontarju Imbark ta' baħħara: 2 għal kull bastiment	Għadd ta' bastimenti awtorizzati: 20 Żbark volontarju Imbark ta' baħħara: 2 għal kull bastiment
Kategorija 4. Sajd tal-qiegħ (demersali) Tkarkir u konzijiet	Għadd ta' bastimenti awtorizzati: 16 Żbark: 30% Imbark ta' baħħara: Bejn 4 u 7 a) bastimenti tat-tkarkir: 7 għal kull bastiment b) bastimenti tas-sajd bil-konz: 4 għal kull bastiment	Għadd ta' bastimenti awtorizzati: 22 (Massimu ta' 11-il bastiment tat-tkarkir/sena). Żbark: 50% Imbark ta' baħħara Marokkini: 8 għal kull bastiment
Kategorija 5. Sajd għat-tonn Xlief u lenzi għas-sajd bir-rixa	Għadd ta' bastimenti awtorizzati: 27 Żbark: 25% tal-qabdiet Imbark ta' baħħara: 3 għal kull bastiment	Għadd ta' bastimenti awtorizzati: 27 Żbark: Parti mhux speçifikata Imbark ta' baħħara: 3 għal kull bastiment
Kategorija 6 Sajd pelaġiku industrijali	Għadd ta' bastimenti awtorizzati: 18 Żbark: 25% Imbark ta' baħħara: bejn 2 u 16	Għadd ta' bastimenti awtorizzati: 18 Żbark: 25% Imbark ta' baħħara: massimu ta' 8

B'differenza mill-protokollu l-oħra, fejn il-**klawżola tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem** tinsab fl-artikoli li jirreferu għall-kundizzjoni għas-sospensjoni, hawnhekk tinsab fl-Artikolu 1, b'referenza għall-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoçjazzjoni dwar ir-rispett għall-prinçipji demokratiçi u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. **Kwalunkwe nuqqas ta' konformità min-naħa tal-Marokk jista' jwassal, skont l-Artikolu 8, għas-sospensjoni tal-Protokoll, f'konformità ma' dak li jesiġi wkoll il-Parlament Ewropew.**

Aspetti finanzjarji

It-tabella ta' hawn taħt turi l-aktar dejta importanti li fosthom jidher it-tnaqqis tal-**kontribuzzjoni finanzjarja** minn EUR 36,1 miljun għal **EUR 30 miljun annwali, jigiifieri tnaqqis ta' 17 % għall-baġit tal-UE**. L-aspett l-aktar notevoli hu l-**kontribuzzjoni li titħallas mis-sidien tal-bastimenti**, li **żdiedet bi kważi 200 %**, b'żieda li forsi tista' titqies

eċċessiva, għas-settur tal-bastimenti tat-tkarkir pelaġiċi bil-friża, li t-tariffa tagħhom żdiedet b'400 %.

L-appoġġ lill-politika settorjali, (Artikolu 6), hu **kapitolu** ieħor li ġie **msaħħaħ ħafna, f'konformità mal-eżiġenzi tal-PE**. L-azzjonijiet finanzjati mill-Protokoll jibqgħu integrati formalment fl-istrateġija *Halieutis*. **Il-Marokk irid, barra minn hekk, jiġġustifika l-għażla tiegħu ta' proġetti mill-perspettiva tar-riperkussjonijiet ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi**, kif ukoll l-impatt tad-**distribuzzjoni ġeografika** tagħhom. **Mhux se jsiru ħlasijiet mill-UE jekk il-ġustifikazzjonijiet tal-Marokk dwar l-eżekuzzjoni tal-proġetti mhumiex għalkollox sodisfaċenti.**

	Protokoll 2007-2011	COM (2013) 648	Bidla
1. Kumpens finanzjarju għall-aċċess għar-riżorsi	22.600.000 €	16.000.000 €	-29%
2. Politika Settorjali	13.500.000 €	14.000.000 €	4%
3. Kontribuzzjoni tas-sidien tal-bastimenti (tariffi)	3.400.000 €	10.000.000 €	194%
4. Spiża totali tal-Protokoll/sena	39.500.000 €	40.000.000 €	1%
5. Spiża mill-baġit Komunitarju	36.100.000 €	30.000.000 €	- 17%
6. Spiża ftehim kummerċjali (1+3)	26.000.000 €	26.000.000 €	0%
7. Parteċipazzjoni UE/sidien tal-bastimenti fin-nefqa totali tal-Protokoll (%)	91/9	75/25	
8. Parteċipazzjoni tal-UE/sidien tal-bastimenti għall-aċċess għar-riżorsi (%)	87/13	62/38	

TARIFFI	Protokoll 2007-2011	COM(2013)0648	Bidla	
Sajd fuq skala żgħira bit-tartaruni Tramuntana	65€/TG	75€/TG	+15%	
Sajd fuq skala żgħira Tramuntana	60€/TG	67€/TG	+12%	
Sajd fuq skala żgħira Nofsinhar	60€/TG	67€/TG	+12%	
Sajd tal-qiegħ (demersali)	53€/TG	60€/TG	+13%	
Sajd għat-tonn	25€/tunnellata	35€/tunnellata	+40%	
Tkarkir pelagiċu	20€/tunnellata	Friżat	100€/t/xahar	+400%
		Frisk	35€/t/xahar	+75%

Sostenibilità u kontroll: L-istrateġija *Halieutis*

Minħabba li din hi waħda mill-ikbar preokkupazzjonijiet tal-PE iż-żewġ partijiet kienu konxji ħafna li l-iffissar tas-surplus u tal-opportunitajiet tas-sajd għandhom jissodisfaw kriterji stretti ta' sostenibilità u skont l-opinjoni kollha mogħtija, ir-rispons min-naħa tal-Marokk kien eċċellenti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Marokkini taw lir-rapporteur dejta dwar il-flotta u l-qabdiet, kif ukoll sommarju tal-istrateġija *Halieutis* u tal-Istitut Nazzjonali ta' **Riċerka Marittima** fir-rigward tad-deċizzjonijiet kollha dwar ġestjoni tas-sajd.

Fin-negozjati pparteċipaw kemm xjentisti tal-UE kif ukoll tal-Istitut Nazzjonali ta' Riċerka Marittima, li ġie **kkonsultat sistematikament fuq kull waħda mill-proposti** li kienet qed tippreżenta l-Kummissjoni u għaldaqstant **il-Marokk irrifjuta kwota akbar ta' speċijiet pelaġiċi**, kif ukoll opportunitajiet tas-sajd **tal-frott tal-baħar u ċ-ċefalopodi minħabba li ma kienx hemm eċċessi**. Min-naħa l-oħra, għadu mingħajr opportunitajiet tas-sajd fil-Mediterran. **Għall-ewwel darba fi Protokoll** inħolqu l-pedamenti għal **kooperazzjoni xjentifika msaħħa** u ntlaħaq kompromess dwar il-ħolqien ta' sistema ta' skambju elettroniku ta' informazzjoni, fosthom id-dejta tal-qabdiet u l-pożizzjonijiet tas-sistema tal-monitoraġġ tal-bastimenti bis-satelliti (VMS).

Konklużjonijiet

Minkejja li għad baqa' xi aspetti li s-settur jixtieq jimmodifika fil-Kumitati konġunti, ir-rapporteur tirrikonoxxi li l-Protokoll il-ġdid jinkludi titjib kbir, u jispikka **l-isforz ta' rispons għat-tħassib tal-PE**.

Għaldaqstant ir-Rapporteur hi tal-fehma li l-kumitat għandu **jirrakkomanda li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu** għall-konklużjoni tal-Protokoll, meta tqis li tagħti lok biex jerġgħu jinbdew ir-relazzjonijiet tas-sajd mal-Marokk fuq **bażijiet ġodda, ħafna aktar aġġustati għal dawk mitluba mill-PE, kemm mill-perspettiva ekonomika u finanzjarja kif ukoll ta' sostenibilità soċjali u ambjentali**.

5.11.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet (COM (2013)0648 - C7 - 2013/0315(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Cristian Dan Preda

SUĠĠERIMENTI

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd konkluż bejn l-UE u l-Marokk fi Frar 2007 huwa partikolarment importanti f'hafta aspetti. L-ewwel, minħabba r-rilevanza ekonomika tiegħu: dan il-ftehim huwa t-tieni ftehim l-aktar importanti dwar is-sajd konkluż bejn l-UE ma' pajjiż fil-fażi tal-iżvilupp, wara l-ftehim dwar is-sajd mal-Mawritanja, li jirrappreżenta madwar kwart l-allokkazzjoni tal-baġit ta' DĠ MARE għall-ftehimiet bilaterali dwar is-sajd. Barra minn hekk, dan il-ftehim ġie konkluż bejn żewġ partijiet li jikkondividu frontieri komuni u ddeċiedew li jsaħħu r-relazzjonijiet politiċi tagħhom u jersqu lejn integrazzjoni progressiva tal-ekonomiji tagħhom. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li daħal fis-seħħ fl-2000 u l-Istatus Avvanzat li ngħata lill-Marokk fl-2008 wrew ir-rieda taż-żewġ partijiet biex ikomplu jsaħħu r-relazzjonijiet bilaterali tagħhom.

Id-dispożizzjonijiet tekniċi u finanzjarji applikabbli għall-bastimenti tas-sajd tal-UE, kif ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja skont il-ftehim, huma inklużi fil-Protokoll anness mal-Ftehim. Il-protokoll preċedenti skada fis-27 ta' Frar 2011. Il-Protokoll li kellu jsegwi, applikat b'mod provviżorju mit-28 ta' Frar 2011, ma kienx approvat mill-Parlament li kkunsidra li l-proporzjon kostijiet-benefiċċji kien baxx wisq, ma ggarantixxix is-sostenibbiltà tal-istokkijiet sfruttati u ma rrispettax id-dritt internazzjonali minħabba li ma wriex li l-popolazzjonijiet lokali kienu se jibbenefikaw mill-benefiċċji ekonomiċi u soċjali ta' dak il-Protokoll.

Abbażi ta' mandat mill-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea fetħet negozjati mar-Renju tal-Marokk fir-rigward tat-tiġdid tal-Protokoll. L-abbozz tal-Protokoll il-ġdid ġie inizjalat fl-24 ta' Lulju 2013, wara 6 ċikli ta' negozjati diffiċli.

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta l-ġdida li tirrispondi fil-biċċa l-kbira għall-kritika fformulata mill-Parlament dwar it-test preċedenti:

1. It-titjib drastiku tal-proporzjon kostijiet-benefiċċji tal-Protokoll il-ġdid, hekk kif l-

opportunitajiet tas-sajd żdiedu meta mqabbla mal-Protokoll preċedenti, filwaqt li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE naqset.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja ta' 30 miljun euro tippermetti lill-bastimenti tas-sajd tal-UE jiksbu massimu ta' 126 liċenzja fil-kategoriji ta' sajd fuq skala żgħira, sajd tal-qiegħ, u sajd għat-tonn, u għal massimu ta' 80 000 tunellata ta' qbid għal sajd pelaġiku industrijali. Kważi nofs il-kontribuzzjoni finanzjarja, jiġifieri, 14-il miljun euro, se jkunu allokati għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd fil-Marokk, b'mod aktar speċifiku għall-programm Halieutis immirat lejn it-tiżni tas-sostenibbiltà, il-prestazzjoni u l-kompetittività ta' dan is-settur ekonomiku fil-perjodu 2010-2020.

2. Il-prinċipju ta' sostenibbiltà jsir kundizzjoni essenzjali fl-attivitajiet tas-sajd. Sabiex jiddefendu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom matul in-negozjati, iż-żewġ partijiet ikkunsidraw b'mod sħiħ ir-rapporti xjentifiċi dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut u l-evoluzzjoni probabbli tagħhom matul l-ewwel snin ta' implimentazzjoni tal-ftehim kif ukoll dwar il-valutazzjoni tal-livell ta' użu tal-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-Protokoll preċedenti. Sabiex il-kwantitajiet maqbuda mill-bastimenti tas-sajd tal-UE jkunu kkontrollati aħjar, il-Protokoll jipprovdi għal missjonijiet konġunti, l-imbark ta' spetturi abbord il-bastimenti tal-UE u r-rinfurzar tas-sistema ta' sorveljanza bisatellita.
3. Jeħtieġ li l-Marokk jipprovdi rapporti regolari u ddettaljati dwar l-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd, inkluż fir-rigward tal-benefiċċji ekonomiċi u soċjali għall-popolazzjonijiet lokali fuq bażi ġeografika (Artikolu 6). Għalkemm dispożizzjoni simili dehret fit-test preċedenti, din issa ssaħħet b'mod konsiderevoli permezz tar-rappurtar tar-rekwiżiti fi tliet livelli: ir-rapporti ta' progress u r-rapporti ta' kompletar għal proġetti individwali, kif ukoll ir-rapport finali għall-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali skont il-Protokoll. L-UE, irrappreżentata fil-Kumitat Konġunt, għaldaqstant se tikseb superviżjoni konsiderevoli fuq il-mod ta' kif jintuża l-appoġġ settorjali u sa liema punt huwa ta' benefiċċju għall-popolazzjonijiet lokali. Dan huwa msaħħaħ bil-fatt li l-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-UE jsir bin-nifs u huwa kkundizzjonat mill-analiżi tar-riżultati miksuba.

Barra minn hekk, tjebu d-dispożizzjonijiet dwar l-impjieġ obligatorju tas-sajjieda Marokkini sabiex jippermettu lil aktar sajjieda Marokkini jaħdmu abbord bastimenti tas-sajd tal-UE.

Fl-aħħar nett, it-test il-ġdid se jadatta għat-tħassib tal-Parlament fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Referenza għar-rispett tal-prinċipji demokratiċi u għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, kif stabbiliti f'Artikoli 1 u 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Marokk, hija inkluża f'Artikolu 1 tal-Protokoll li għandu x'jaqsam mal-Prinċipji Ġenerali u għaldaqstant tapplika għat-test sħiħ. Dan l-Artikolu, flimkien mal-Artikolu 8 li jstabbilixxi mekkaniżmu ta' sospensjoni, jippermetti s-sospensjoni tal-Ftehim f'każijiet ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi.

Ir-rapporteur jixtieq jenfasizza li l-approvazzjoni ta' dan il-Protokoll se ssaħħaħ is-sħubija ma' dan il-pajjiż u tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-popolazzjonijiet lokali, inkluż fin-Nofsinhar. Il-Marokk huwa l-ewwel pajjiż fil-viċinat tagħna li kien premjat bi status avanzat ħames snin ilu, in-negozjati għal DCFTA mal-Marokk għadhom għaddejnin, u l-pajjiż jibqa' wieħed mill-alleati l-aktar stretti fir-reġjun f'taqlib; Barra minn hekk, dan il-Protokoll joffri possibbiltajiet

eċċellenti għall-iżvilupp ta' settur li huwa kruċjali għall-ekonomija tal-Marokk. Għandna naħt fuq din l-oportunità biex naħdmu b'mod kostruttiv mas-sieħeb Marokkin tagħna biex inkomplunipromwovu l-għanijiet u l-valuri kondiviżi tagħna.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, ir-Rapporteur jirrakkomanda li l-Parlament għandu jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jemmen li l-Kummissjoni għandha tqis il-punti li ġejjin waqt l-implimentazzjoni tal-Protokoll:

- (a) il-ħtieġa li jitħarsu l-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali, u li l-applikazzjoni tal-Protokoll tkun sospiża kif provdut fl-Artikolu 8 tiegħu f'każ li dawn il-prinċipji u drittijiet jinkisru;
- (b) l-importanza tal-fatt li r-rapporti annwali dwar l-użu tal-baġit settorjali jgħaddu għall-Kunsill u l-Parlament sabiex tkun promossa t-trasparenza u jkun garantit li dan il-baġit addizzjonali, mfassal biex jappoġġja l-politika settorjali tas-sajd, jintuża b'mod effettiv u li dan il-Protokoll ikollu impatt ekonomiku u soċjali ta' ġid fuq il-komunitajiet lokali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.11.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 15 -: 11 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Corina Crețu, Véronique De Keyser, Nirj Deva, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Catherine Grèze, Mikael Gustafsson, Eva Joly, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Bill Newton Dunn, Andreas Pitsillides, Jean Roatta, Birgit Schnieber-Jastram, Alf Svensson, Ivo Vajgl, Daniël van der Stoep, Anna Záborská, Iva Zanicchi
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Eduard Kukan, Isabella Lövin, Cristian Dan Preda
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Iratxe García Pérez, María Muñoz De Urquiza, Bogusław Sonik

18.11.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Protokoll UE-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet
(COM(2013)0648 – C7-xxxx/xxxx – 2013/0315(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: François Alfonsi

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Abbażi ta' mandat mill-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea fetħet negozjati mar-Renju tal-Marokk dwar it-tiġdid tal-Ftehim ta' Sħubija għall-Protokoll dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk. Fl-24 ta' Lulju 2013, fi tmiem dawn in-negozjati, ingħata bidu għal abbozz ta' Protokoll ġdid min-negozjaturi. Il-protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' erba' snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

L-għan ewlieni tal-Protokoll tal-Ftehim huwa li joffri opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti mill-Unjoni Ewropea fl-ibħra tar-Renju tal-Marokk fi ħdan il-limiti ta' sajd eċċessivi disponibbli.

Skont l-Artikoli 43(2) u 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew jista' jew jagħti jew jirrifjuta l-approvazzjoni tiegħu.

Protokoll preċedenti li kien applikat b'mod proviżorju sa mit-28 ta' Frar 2011, ma kisibx l-approvazzjoni tal-Parlament.

Il-Protokoll il-ġdid jipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja totali ta' EUR 120 584 000 għall-perjodu kollu u ta' EUR 120 000 000 għall-perjodu kollu għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali ta' EUR 30,000,000 hija bbażata fuq: a) ammont ta' EUR 16 000 000 fir-rigward tal-aċċess u b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tar-Renju tal-Marokk li jammonta għal EUR 14 000 000. Dan l-appoġġ jikkonforma mal-oġġettivi tal-politika nazzjonali tas-sajd u b'mod partikolari mal-ħtiġijiet tar-Renju tal-Marokk fil-għlieda kontra s-sajd illegali.

F'termini ta' kontenut, il-karatteristiċi tal-Ftehim huma dawn li ġejjin:

Tip ta' Nefqa	2014	2015	2016	2017	Total EUR
Approprijazzjonijiet operazzjonali	30 000 000	30 000 000	30 000 000	30 000 000	120 000 000
Nefqa amministrattiva	131 000	131 000	131 000	191 000	584 000
AMMONT TOTALI	30 131 000	30 131 000	30 131 000	30 191 000	120 584 000

Ir-rapporteur jemmen li hemm bosta raġunijiet għalfejn dan il-Protokoll hu problematiku wisq, partikolarment minħabba:

- Dubji serji dwar l-aspett tal-kost-benefiċċju tal-Ftehim.

Kien hemm proporzjon baxx ħafna ta' kost-benefiċċju mill-Protokoll preċedenti fis-seħħ minħabba l-użu baxx tal-opportunitajiet tas-sajd negozjati. Il-valutazzjoni f'isem il-Kummissjoni Ewropea tiddikjara li l-ispiża tal-Ftehim tidher li hi għolja ħafna meta mqabbla mal-opportunitajiet tas-sajd li effettivament ġew meħuda. Il-profitt tal-flotot Ewropej hu stmat li kien EUR 30.2 miljun, jiġifieri ftit iktar minn EUR 0.83 għal kull Euro investit mill-UE. Jekk jintuża biss l-indikatur tal-ġid maħluq mill-proprjetarji ta' bastimenti Ewropej soġġetti għall-ftehim (valur miżjud dirett u indirett għall-UE), hemm proporzjon ta' kost-benefiċċju baxx, li hu sfavorevoli aktar għall-investment tal-UE: EUR 0.65 f'valur miżjud maħluq għal kull euro investit. Dawn iċ-ċifri huma ferm anqas mil-livell ta' indikaturi korrispondenti għall-ftehimiet dwar is-sajd l-oħrajn.

Dawn iċ-ċifri juru biċ-ċar l-inefficijenza ta' dan il-Ftehim mill-perspettiva finanzjarja. Ir-rapport ta' valutazzjoni jikkonkludi li f'termini ta' kost-effettività ekonomika, il-Ftehim hu l-anqas wieħed ta' suċċess mill-Ftehimiet Bilaterali tas-Sħubija dwar is-Sajd kollha.

Sfortunatament il-Kummissjoni ma ressqet l-ebda prova konvinċenti li turi li l-ftehim il-ġdid ikabbar il-proporzjon ta' kost-benefiċċju.

- Dubji dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' stocks ta' sajd eċċessivi biss.

Jeżistu ukoll kwistjonijiet ta' tħassib ambjentali fir-rigward tal-Ftehim. Mill-11-il stock ta' qiegħ il-baħar maqbuda fl-ibħra tal-Marokk, ħamsa minnhom jidhru li qegħdin jiġu sfruttati żżejjed (Marlozz ewropew, pageot acarné, qarnit, klamari, gambli roża), erba' minnhom jidhru li diġà qegħdin jiġu sfruttati (pargu, denċi ta' għajnejh kbar, awrata, Hemulon ta' xoftu gomma) filwaqt li żewġ stokkijiet ma setgħux ikunu analizzati biżżejjed minħabba nuqqas ta' dejta (il-marlozz iswed, klamari). It-tbattil kważi totali ta' dawn l-istocks joħloq id-dubju jekk huwiex qiegħed jinżamm il-prinċipju li l-bastimenti tal-UE qegħdin jistadu mill-istocks ta' sajd eċċessivi.

Għal darb' oħra mhuwiex ċar kif il-ftehim il-ġdid se jitratta dawn il-kwistjonijiet. Stramb ukoll li l-Kummissjoni tiddikjara li l-ftehim il-ġdid se jikkunsidra l-kwistjoni ta' sajd eċċessiv,

filwaqt li ma teżisti l-ebda valutazzjoni xjentifika reċenti dwar is-sitwazzjoni tal-istocks fl-ibħra tal-Marokk.

- Il-ftehim jinjora totalment il-kwistjoni tas-Saħara tal-Punent.

Flimkien man-nuqqasijiet ekonomiċi, ekoloġiċi, ambjentali u oħrajn tal-Protokoll, imsemmija aktar kmieni, jesżisti wkoll tilwim dwar kwistjonijiet legali fir-rigward tas-Saħara tal-Punent, territorju li hu okkupat mill-Marokk. F'dak li għandu x'jaqsam dan il-Protokoll, il-kwistjoni immedjata tikkonċerna jekk il-Protokoll huwiex ta' benefiċċju dirett jew le għal poplu tas-Saħara tal-Punent, kif hu mitlub mis-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew. Id-dokumentazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-Protokoll mhjiex ċara dwar din il-kwistjoni sensittiva u jidher li l-Kummissjoni Ewropea qatt ma fittxet li tikseb l-opinjoni jew il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent biex tistad fl-ibħra tagħhom.

Punt importanti ieħor hu li l-Marokk naqas milli jiddikjara Żona Ekonomika Esklussiva quddiem is-Saħara tal-Punent. Legalment dan ifisser li l-UE qed tħallas lill-Marokk talli qed tistad f'ibħra internazzjonali.

Bħala konklużjoni, ir-rapporteur jemmen li hemm dubji serji dwar il-Ftehim hekk kif jidher bħalissa, kemm f'termini ta' effiċjenza u effikaċja iżda ukoll f'termini ta' regolarità.

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli biex jipproponi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	14.11.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 9 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Luc Dehaene, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Lucas Hartong, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, Derek Vaughan, Jacek Włosowicz
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Maria Da Graça Carvalho, Frédéric Daerden, Edit Herczog, Paul Rübig, Peter Šťastný
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Jean-Paul Basset, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Zdravka Bušić, Jolanta Emilia Hibner, Helmut Scholz, Tadeusz Zwiefka

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	27.11.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 13 -: 8 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Carmen Fraga Estévez, Pat the Cope Gallagher, Dolores García-Hierro Caraballo, Ian Hudghton, Werner Kuhn, Isabella Lövin, Gabriel Mato Adrover, Maria do Céu Patrão Neves, Crescenzo Rivellini, Ulrike Rodust, Raül Romeva i Rueda, Struan Stevenson, Isabelle Thomas, Nils Torvalds, Jarosław Leszek Wałęsa
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Luis Manuel Capoulas Santos, Jean Louis Cottigny, Jim Higgins, Jens Nilsson
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	María Auxiliadora Correa Zamora, Salvador Garriga Polledo, Francisco José Millán Mon, Younous Omarjee, Ivo Vajgl, Luis Yáñez-Barnuevo García